FGURA

Minuti tal-laqgħa numru sittax tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tnejn 22 ta' Marzu 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Chev. D. Marmara' KLJ |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur S. Camilleri<br>Is-Sur P.Dalli<br>Is-Sur M.Lombardo<br>Is-Sur B. Camilleri<br>Is-Sinjura R.Cutajar<br>Is-Sur A.Debono |
| **Segretarju:** | Is-Sur A. Grima |

Il-Viċi Sindku u s-Sur C. Bonello kienu nfurmaw li ma setgħux jattendu.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

**5.0 Komunikazzjoni mis-Sindku (tkomplija)**

5.29 Fil-bidu tal-laqgħa, is-Sur S. Camilleri qal li din il-laqgħa kienet issejħet biex tiddiskuti l-item aggudikazzjoni t'offerti. Is-Sindku ta ruling li din il-laqgħa kienet tkomplija tal-agenda tal-laqgħa li saret nhar is-17 ta' Marzu 2010. It-tkomplija kienet mill-item Komunikazzjoni mis-Sindku.

5.30 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar korrispondenza mingħand l-awtoritajiet tal-isptar Monte Carmeli dwar l-għoti ta' servizzi fil-komunita mill-premises il-ġodda li kien ser jibni l-Kunsill. Saret diskussjoni. Kien hemm qbil li jiġu nfurmati li kien ser isir kuntatt magħhom aktar il-quddiem meta l-proġett ikun fi stadju avvanzat.

5.31 Is-Sindku nforma dwar korrispondenza dwar prize days li kienu ser isiru.

5.32 Is-Sindku nforma dwar talba li kienet saret mill-Kummissjoni Festa Esterna sabiex ma jsirx parkeġġ quddiem il-maħżen fi ġranet speċifiċi. Din it-talba kienet ġiet riferuta lill-pulizija.

MAYOR, VICE-MAYOR, COUNCILLORS, SECT & CL STAFF

RECOPIED TO MAYOR, VICE-MAYOR, COUNCILLORS SECT & CL STAFF 6/5/10.

5.33 Is-Sindku nforma dwar talba mill-Enemalta ghal twahhil ta' arbli temporanji fi Triq C Busuttil. Ma kienx hemm oġġezzjoni li jsir dan ix-xoghol. Is-Sinjura R Cutajar informat li xoghlijiet simili li kienu saru f'postijiet ohra baqghu hekk sallum. Saret diskussjoni. Kien hemm qbil li tintalab laqgha dwar din il-materja.

5.34 Is-Sindku nforma li kien jehtieġ isir router fil-librerija sabiex tkun tista' tiġi nstallata s-sistema mid-dipartiment tal-libreriji. Wara li saret diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2666/10/6 "Sabiex jiġi nstallat router fil-librerija bi spiża ta' mhux aktar minn €50". Hu ghadda din il-mozzjoni lis-Sur S Camilleri sabiex jissekondaha. Is-Sur S Camilleri ġibed l-attenzjoni dwar mozzjonijiet li kienu qed jitressqu minghajr avviż kif titlob il-liġi u ghaldaqstant ma kienx ser jissekonda din il-mozzjoni. Il-mozzjoni ref: 2666/10/6 kienet issekondata mis-Sur P Dalli. Ittiehed vot.

Favur – Sindku, Sur M Lombardo, Sur A Debono, Sur P Dalli, Sinjura R Cutajar, Sur B Camilleri.
Kontra - Hadd
Astenzjoni – Sur S Camilleri.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2666/10/6 kienet approvata b'sitt voti favur u astenzjoni wahda.

5.35 Is-Sindku nforma dwar il-htieġa li jsiru s-sinjali tat-traffiku fi Triq il-Kampanella, fejn kien sar ix-xoghol mill-korporazzjoni ghas-servizzi tal-ilma. Saret diskussjoni. Dan ix-xoghol kellu jsir mill-haddiema tal-IPSL assenjati mal-Kunsill.

5.36 Is-Sindku ppropona li tinhareġ sejha ghall-offerti dwar konsulenza proġetti tal-UE. Wara li saret diskussjoni kien hemm qbil li jkun verifikat jekk hemmx limitu ghall-applikazzjonijiet li setgha jaghmel Kunsill ghal proġetti tal-UE.

5.37 Is-Sindku ppropona li jsir tindif fir-roundabout ta' quddiem it-TipTop. Saret diskussjoni. Kien hemm qbil li dan it-tindif isir mill-kuntrattur responsabbli miż-żamma u l-manutenzjoni tas-soft areas.

**6.0 Mistoqsijiet**

6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet inghatat risposta bil-miktub ghall-mistoqsijiet li kienu pprezentati mill-Viċi-Sindku. Saret diskussjoni dwar il-proċedura li biha kellhom jitressqu l-mistoqsijiet. Is-Sindku ghamel referenza ghal ruling mid-dipartiment tal-Gvern Lokali li jghid li l-mistoqsijiet iridu jiġu pprezentati qabel tohroġ l-agenda. Saret diskussjoni.

6.2 F'dan l-istadju, is-Sur S Camilleri reġgħa nsista li r-raġuni li għaliha kienet issejħet din il-laqgħa kienet sabiex tiddiskuti l-item aġġudikazzjoni t'offerti. Saret diskussjoni.

Is-Sur S Camilleri ħalla l-kamra – 6.46pm.

**7.0 Kunsiderazzjoni ta' rapporti Kumitati u sotto-kumitati**

7.1 Is-Sindku qassam rapport li kien sar mill-bord imwaqqaf dwar l-uffiċini tal-Kunsill. Saret diskussjoni. Wara s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2667/10/6 "Sabiex il-Kunsill japprova dan ir-rapport anness dwar l-uffiċini tal-Kunsill u sa laqgħa oħra jkollu l-istimi biex effetivament isir ix-xogħol kif proponut. L-unika tibdil huwa li l-computer table titqiegħed fil-kuritur". Din kienet sekondata mis-Sur B Camilleri u s-Sur M Lombardo. Il-mozzjoni ref: 2667/10/6 kienet approvata nem con.

**8.0 Aġġudikazzjoni t'offerti**

8.1 **CVRT-17-10 Maintenance works to catchment area of water culverts at Wesgħa Kunsill tal-Ewropa** – Wara li saret diskussjoni fuq l-offerti mitfugħa, is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2668/10/6 "Sabiex il-Kunsill jagħżel lil Alfred Schembri & Sons biex issir xogħol ta' culvert li hemm fit-triq Hompesch eżatt fejn Roundabout. Dan wara li Perit Dieter Falzon evalwa t-tenders. Dan ix-xogħol għandu jiġi stmat bi spiża ta' mhux aktar minn €3868.97". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2668/10/6 kienet approvata nem con.

8.2 **Resurfacing and pavement works of part of Triq l-Iskola and Triq Niġem**. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill dwar emejl li kienet intbagħtet mis-Sur C Bonello dwar is-suġġett. Wara li saret diskussjoni fuq l-offerti mitfugħa, is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2669/10/6 "Sabiex il-Kunsill jagħżel lil Polidano Bros Ltd biex jagħmel xogħol ta' Tarmak fi Triq Nigem u Triq l-iskola b'spiża ta' mhux aktar minn €19684.34. Dan wara li Perit Dieter Falzon evalwa t-tenders. Din bħala l-aktar offerta vantaġġjuża". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2669/10/6 kienet approvata nem con.

8.3 **RTI-17-10 – Upgrading works of roundabout and traffic islands at Triq Hompesch intersection with Triq San Tumas** - Wara li saret diskussjoni fuq l-offerta mitfugħa, is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2670/10/6 "Sabiex il-Kunsill jagħżel lil kuntrattur "Asfaltar Ltd" biex jagħmel ix-xogħolijiet ġewwa central strip kif ukoll Roundabout ta Triq Hompesch b'spiża ta mhux aktar minn €25,000 bħala l-aktar offerta vantaġġjuża". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2670/10/6 kienet approvata nem con.

8.4 **CM-17-10 – Contract management services for the following contracts: street sweeping and cleaning, collection of refuse,**

**collection of bulky refuse, upkeep and maintenance of traffic signs and markings, upkeep and maintenance of soft areas** - Wara li saret diskussjoni fuq l-offerta mitfugha, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2671/10/6 "Sabiex jintghazel is-Sur David Mangion fl-offerta CM-17-10 bhala l-aktar offerta vantaġġjuża". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2671/10/6 kienet approvata nem con.

8.5 **KOR-17-10 – Services of a coordinator for the activity "Jiem Maltin Festival tar-Raħħala"** - Wara li saret diskussjoni fuq l-offerta mitfugha, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2672/10/6 "Sabiex jintgħażlu Leisure Animation Enterprises fl-offerta KOR-17-10 bħala offerta li hija cost effective". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2672/10/6 kienet approvata nem con.

8.6 **SEAP – Quotation:Preparation of a sustainable energy action plan (SEAP) for the locality of Fgura** - Wara li saret diskussjoni fuq l-offerti mitfugha, kien hemm qbil li l-Kunsill jiltaqa' mal-offerenti.

**9.0 Kuntratt ġbir ta' skart u skema ġbir ta' skart separat**

9.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa ma kienx ser iressaq rapport bil-miktub kif indikat f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill wara rapporti li kienu dehru fil-media dwar il-materja. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku resssaq mozzjoni ref: 2673/10/6 "Wara li saru diversi laqghat u ingħatat ħafna nformazzjoni dwar l-iskema gbir ta' skart separat, dan il-Kunsill qed jgħażel li jingħaqad mal-Green Pak". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2673/10/6 kienet approvat nem con.

9.2 Saret diskussjoni wkoll dwar il-ġbir tal-iskart separat mill-Bring in Sites. Wara s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2674/10/6 "B'referenza għall-ġbir mill-Bring in Sites jingabar mill-Green Pak". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2674/10/6 kienet approvata nem con.

9.3 Saret diskussjoni wkoll dwar is-sejħa għall-offerti li jrid joħroġ il-Kunsill fir-rigward tal-kuntratt għall-ġbir ta' skart imħallat. Wara s-Sindku nforma lill-kunsilliera li kien ser ikun qed isejjaħ laqgħa informali qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss sabiex tiġi diskussa din il-materja.

**10.0 Rapport Interim Operations Review**

10.1 Is-Sur M Lombardo għamel referenza għall-punt riferut fir-rapport fir-rigward ta' mozzjoni 2530/09/6. Saret diskussjoni b'riferenza għad-deċizjoni li ttieħdet f'laqgħa tal-Kunsill preċedenti.

10.2 Is-Sur B Camilleri għamel referenza għad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-premju li kellu jingħata fit-treasure hunt organizzata mill-Kunsill f'Jum il-Fgura. Saret diskussjoni dwar il-materja.

10.3 Is-Sinjura R Cutajar għamlet referenza għall-ftuħ tal-kontijiet fissi mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku nforma li kienet saret diskussjoni dwar dawn il-kontijiet, madankollu ma kenitx ittieħdet deċizjoni permezz ta' mozzjoni. Huwa qal ukoll li din il-materja kienet diskussa fil-laqgħa tal-Kumitat Finanzi. Saret diskussjoni dwar din il-materja kif ukoll jekk il-Kunsill kellux iressaq mozzjoni f'dan l-istadju sabiex jirregola ruħu fuq din il-materja.

10.4 Is-Sinjura R Cutajar staqsiet jekk il-Kunsill kienx 'in order' firrigward tal-promozzjoni li ngħatat lis-Sinjura C Grech Plumpton. Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien approva proposta li saret mid-Deputat Segretarju.

10.5 Is-Segretarju nforma li kien ser ikun qed jirreferi r-rapport lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jingħata direzzjoni dwar il-materja riferuta fir-rapport.

## 11.0 Ġemellaġġ ma Tryavna Bulgarija

11.1 Is-Sindku għamel referenza għall-korrispondenza li kienet intbagħtet minn Tryavna kif ukoll dwar il-proċedura li ried isegwi l-Kunsill skont l-avviż legali li jirregola l-ġemellaġġi.

11.2 Wara li saret diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2675/10/6 "Sabiex dan il-Kunsill jilqa' t-talba ta' Tryavna LC li delegazzjoni mill-Fgura żżurhom u tiġi diskussa l-possibilita li jintlaħaq Ġemellaġġ. Dan wara li jinġiebu l-permessi kollha neċessarji mingħand l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, d-Dipartiment u anke l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin. Id-delegazzjoni tagħna għandha tkun iffurmatha mis-Sindku, Segretarju u Charles Bonello. Hlasijiet skond il-liġi". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2675/10/6 kienet approvata nem con.

## 12.0 Memos Dipartiment tal-Gvern Lokali

12.1 Is-Sur A Debono għamel referenza għal Memo maħruġ mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar għotjiet ta' siġar. Saret diskussjoni minħabba li d-data tal-egħluq ta' dan il-memo kienet għaddiet. Wara li saret diskussjoni is-Sur A Debono ressaq mozzjoni ref: 2676/10/6 "Sabiex dan il-Kunsill japplika għal siġar fil-Fgura skond il-Memo maħruġ mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali". Din kienet sekondata mis-Sur M Lombardo. Il-mozzjoni ref: 2676/10/6 kienet approvata nem con.

**13.0 Żjara Papa Benedettu XVI**

13.1 Is-Sindku għamel referenza għar-risposta li kien irċieva l-Kunsill dwar Memo 32/2010. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2677/10/6 "Li dan il-Kunsill jgħarraf lill-kumitat Organizzattiv tal-miġja tal-Papa kif ukoll lid-Dipartiment li b'referenza għall-miġja tal-QT il-Papa, għandu jkun hemm pots bis-siġar fil-main rd (il-biċċa minn fejn ser jgħaddi) kif ukoll ir-railing ta' Wesgħa Kunsill tal-Ewropa". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2677/10/6 kienet approvata nem con.

13.2 Is-Sur P Dalli nforma lill-Kunsill dwar patching li setgħa jsir fi Triq is-Sur minħabba li kienet tifforma parti mir-rotta li minnha kien ser jgħaddi Papa Benedittu XVI. Saret diskussjoni.

**14.0 Progress xogħlijiet infrastrutturali**

14.1 Is-Sur P Dalli għamel referenza għal ċertifikazzjonijiet pendenti li kien għad iridu jsiru mill-Perit sabiex il-Kunsill jieħu fondi li kienu ġew allokati lill-Kunsill permezz tal-UIF. Saret diskussjoni.

14.2 Wara s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2678/10/6 "Sabiex il-Kunsill jaqbel li l-kuntrattur Asfaltar dwar xogħol fi Triq Karmnu jitħallas 50% tal-wisa' tal-gutter. Dan għandu jkun inkluż fil-kont finali tal-Perit għall-iffinanzjar tal-UIF". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2678/10/6 kienet approvata nem con.

14.3 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2679/10/6 "Il-Kunsill jaqbel li x-xogħol tal-HSE Phase III huwa finali u komplut. Il-kuntrattur għandu jitħallas pro-rata tat-tarmak li għamel peress li mhux kullimkien qiegħed konformi. Rigward il-gutter il-Kunsill jaqbel li jħallas 50% tal-wisa' tal-gutter". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2679/10/6 kienet approvata nem con.

14.4 Saret diskussjoni dwar ir-rata li ntużat fix-xogħol ta' asfaltar ta' Triq W Levanzin u Triq tal-Gallu kif riferut fir-rapport interim operations review. Wara li saret diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2680/10/6 "Li dan il-Kunsill iħallas il-kont tax-xogħol li sar f'Gallu u Wistin Levanzin. Dan wara li ġie approvat mill-Perit tal-Kunsill". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Sur M Lombardo, Sur A Debono, Sur P Dalli, Sur B Camilleri.
Kontra - Ħadd
Astenzjoni – Sinjura R Cutajar.

Is-Sindku talab sabiex jitnizzlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2680/10/6 kienet approvata b'ħames voti favur u astenzjoni waħda.

14.5 Is-Segretarju nforma li ma kienx ser ikun qed joħroġ pagamenti qabel ikollu direzzjoni mid-Dipartiment dwar il-materja kif riferuta fir-rapport Interim Operations Review diskuss aktar qabel.

14.6 Is-Sur P Dalli nforma lill-Kunsill dwar il-proposta tal-KSI fir-rigward ta' tkomplija ta' xogħlijiet ta' tibdil ta' mains fil-lokal. Saret diskussjoni.

14.7 Is-Sur P Dalli għamel referenza għal site inspection li għamel mal-Perit D Falzon dwar culvert tal-ilma fil-ġenb tat-Triq Madre Tereza. Wara li saret diskussjoni, kien hemm qbil li tintalab stima mill-Perit D Falzon dwar il-materja.

**15.0 Uffiċċju Amministrattiv – One Stop Shop**

15.1 Is-Sindku ppropona li din il-materja tkun rimandata għall-laqgħa li jmiss tal-Kunsill minħabba li l-kunsillier li kien ippropona din il-materja għad-diskussjoni ma kienx preżenti. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**16.0 Skadenza kuntratti**

16.1 Wara li saret diskussjoni fuq l-iskadenza tal-kuntratti kif riferuti fil-memo bid-data 12 ta' Marzu 2010, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2681/10/6 "Sabiex il-Kunsill jestendi l-kuntratt Cleaning Council premises għal sena oħra, wara li ta servizz sodisfaċenti filwaqt li joħroġ sejħa għall-stampar ta' magazine". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2681/10/6 kienet approvata nem con.

**17.0 Memorandum dwar proġetti tal-UE**

17.1 Is-Sindku nforma li din il-materja kellha tkun rimandata għall-laqgħa li jmiss tal-Kunsill minħabba li l-kunsillier li kien ressaq dan il-memo ma kienx preżenti.

**18.0 Konsultazzjoni – MEPA policy large combustion plants**

18.1 Ma saret l-ebda diskussjoni dwar din il-materja.

**19.0 Mozzjonijiet**

19.1 Mozzjoni 2645/10/6 – Is-Sur B Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2645/10/6 "Sabiex dan il-Kunsill jaħtar sotto-kumitat mmexxi mill-Kunsillier Byron Camilleri sabiex jaħdem fuq rapport dwar it-tibdil meħtieġ fl-organizzazzjoni ta' l-attivitajiet ta' Jum il-Fgura. Dan is-sotto kumitat ikun miftuħ kemm għall-Kunsilliera

– kif ukoll għall-pubbliku". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2645/10/6 kienet approvata nem con.

19.2 Mozzjoni 2646/10/6 – Is-Sur B Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2646/10/6 "Sabiex fil-ħarġa li jmiss ta' "Il-Ħidma" jinħareġ avviż dwar dak imsemmi f'mozzjoni 2645/10/6". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2646/10/6 kienet approvata nem con.

19.3 Mozzjoni 2647/10/6 – Is-Sur B Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2647/10/6 "Sabiex dan il-Kunsill jipproċedi dwar l-iffirmar tal-kuntratt tal-Aerobics mal-KMS li għandu jiġi ffirmat il-Ġimgħa 12 ta' Marzu. Sabiex dawn il-classes jiġu rreklamati kemm fil-ħarġa li jmiss tal-"Ħidma" – kif ukoll fin-notice boards". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2647/10/6 kienet approvata nem con.

**20.0 Aġġornament**

20.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.10pm u kienet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 24 ta' Marzu 2010 f'nofsinhar sabiex tiddiskuti l-ftuħ u l-aggudikazzjoni tal-offerta RMP-17-10 Roadmarkings and replacement of streetsigns at Zabbar, Hompesch Road and Lower Bastion Street.

Sindku

Segretarju

Dok "A"

Emenda / Addenda.

10.2 Titkompla... Ingħatat spjegazzjoni li l-kunsill ta d-deċiżjoni fil-kuntest tal-liġi l-antika li dak iż-żmien kienet fis-seħħ u allura l-permess sar jingħata.